# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum l-1 ta' Settembru 2020**

Appell numru 503 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Donald THEUMA**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-23 ta' Novembru 2017 fil-konfront ta' Donald THEUMA, detentur tal-karta tal-identita bin-numri 253376M fejn ġie mixli talli :

   Talli fis-26 ta' Marzu, 2016, gewwa Triq Oscar Zammit, Msida fxi hin filghodu:

   1) Ikkommetta serq minn gewwa vetturi HBL 786 t'ghamla Peugeot li hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u anka bil-valur, li jaccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94euro)

izda inqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (23 29 .3 7 euro );

2) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ghamel hsara volontarja li tammonta ghal somma ta' 120.36 euro fil-vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni HBL 786 propjeta ta' Ivan Micallef;
3) Talli fl-istess data, £'dawn il-Gzejjer, f'diversi hinijiet tal-gurnata kellu fil-pussess tieghu id-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvem skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra atorizzat li jimmanifattura, jew li jomi d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas Ii jipprova li d-droga msemmija giet fomuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir -regolamenti msemmija;
4) Talli rrenda ruhu recediv wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi tal-Qorti ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, dik il-Qorti iddeċidiet li :

   wara li rat l-Artikoli 49, 50, 267, 271, 289 u 329 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta w ir-Regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

   Ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, u ghaldaqstant tilliberah minnhom;

   Issibu hati tal-ewwel u r-raba' imputazzjoni u ghalhekk tikkundannah ghal piena ta' sena prigunerija.

3. Permezz ta' rikors datat 29 ta' Novembru 2017, l-imputat interpona appell minn din is-sentenza fejn essenzjalment qajjem żewġt aggravji : wieħed li jittratta l-apprezzament tal-meritu kif magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati - li fil-fehma tiegħu kien żbaljat; u l-ieħor li kien jitratta l-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati li fil-fehma tiegħu kienet eċċessiva u sproporzjonata.

4. Rat l-atti kollha u semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet matul l-udjenza;

***Ikkunsidrat : -***

5. Illi nhar is-26 ta' Marzu 2016, Ivan Micallef irraporta ġewwa l-Għassa tal-Imsida illi aktar kmieni dakinhar filgħodu filwaqt li kien qiegħed xogħol bil-vettura tiegħu tal-għamla Peugeot bin-numru ta' reġistrazzjoni HBL786, fi Triq Oscar Zammit, l-Imsida, innota persuna maskili tisraqlu xi effetti mill-vann tiegħu. Huwa nnota wkoll vettura oħra tal-għamla Volkswagen Polo ta' lewn aħmar bin-numru ta' reġistrazzjoni AB304, li kienet ipparkjata maġenb il-vann tiegħu fejn fiha kien hemm żewġ persuni. Fost dawn in-nies kien hemm l-appellant. Hu talabhom l-oġġetti lura f'dak il-mument fejn fil-parti l-kbira r-*res furtiva* ngħatat lura lilu immedjatament.

6. Micallef innota wkoll li l-appellanti, li kienet ħarġet mill-karrozza biex titlaq minn fuq il-post, kellha basket iswed imdaqqas fil-pussess tagħha. Micallef waqqafha u talabha sabiex jara l-kontenut tal-basket. Hemmhekk sabilha żewġ *mobile phones* bil-kaxxa b'kollox li kienu fost dawk l-oġġetti li kellu fil-vann tiegħu qabel dan insteraq.

7. Sussegwentement Micallef innota wkoll illi mill-effetti kollha misruqa kien għad hemm żewġ *mobile phones* oħra li baqgħu ma ġewx ritornati lura lilu.

8. Il-Pulizija ħarġu mandat t'arrest fil-konfront tal-persuni kollha allegatament involuti f'din is-serqa, fosthom l-appellanta. Meta ġiet mitkelma mill-Pulizija hi saħqet illi allavolja kienet preżenti, hija ma kellhiex x'taqsam ma din is-serqa, li kienet maħsuba u mwetqa unikament minn Stefan Cutajar li kien is-sewwieq tal-karozza fejn kienet ġiet interċettata waqt is-serqa.

9. Mistoqsija dwar ir-raġuni għalfejn kienet ser titlaq minn fuq il-post kif ġie sid il-vann u kif kellha l-pussess ta xi oġġetti fil-basket tagħha, u li kienu jappetjenu lil Micallef, l-appellanta saħqet li kienet ser titlaq għax beżgħet; u apparti dan, ma setgħetx tispjega kif dawk l-oġġetti spiċċaw fil-basket tagħha. Hija ipotizzat illi dawn setgħu daħlu hemmhekk ad insaputa tagħha waqt illi Cutajar kien qed jitfa' r-*res furtiva* minn ġol-vann għal ġol-vettura misjuqa minnu fuq is-seat ta' wara tal-istess, fejn kien hemm l-appellanta u l-basket tagħha li, f'dak il-waqt kien miftuħ.

***Ikkunsidrat:-***

10. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-

sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

11. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

12. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

13. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

14. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

15. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*.

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Diċembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,*** 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Diċembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

16. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

17. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

18. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

19. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

20. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

21. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

22. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, *sure* fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ

[6] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.* Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

23. Fil-każ Ingliż ***Majid***,[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

24. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence***, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

25. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza

[7] ibid.

[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

26. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

27. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-*best evidence rule*, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

28. In oltre u aktar reċentement fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer,*** il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.[10]

29. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.
[10] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

30. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

***Ikkunsidrat : -***

31. Illi l-appellant jargumenta li l-Qorti tal-Maġistrati donnha li bbażat il-konklużjoni tagħha fuq il-verżjoni rilaxxata minn Stefan Cutajar li kien mixli bħall-appellanta, iżda fi proċeduri separati. L-appellanta kienet taf li Cutajar kien l-artefiċi tas-serqa. Matul it-trattazzjoni ta' dan l-appell ġie ppuntwalizzat illi meta Stefan Cutajar kien qiegħed xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati hu kien għad kellu l-proċeduri tiegħu li kienu għadhom pendenti. Konsegwentement id-deposizzjoni tiegħu kienet waħda inammissibbili fid-dawl tal-artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali, li jaqra hekk : -

> 636. Ebda eċċezzjoni dwar il-kompetenza ta' xhud ma tiġi milqugħa minħabba -
> (a) li milli jistqarr huwa nnifsu, jew xort'oħra, jinsab li huwa kien sar ħati ta' reat jew li b'xi mod kien ġie misjub ħati, ikkundannat, imċanfar, jew imwaħħal piena minn qorti jew awtorità oħra; jew
> (b) <u>li kien imputat tal-istess reat li fuqu tkun meħtieġa x-xiehda tiegħu, meta l-Gvern ikun wegħdu jew tah l-impunità sabiex hekk ikun jista' jixhed</u>; jew
> (ċ) li jkollu interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xiehda tiegħu, jew fir-riżultat tal-kawża;
> (d) li, f'kaz ta' xhud li jkun ġie ammess biex jibbenefika taħt il-programm ta' ħarsien ta' xhieda mwaqqaf skont it-Titolu IV tat-Taqsima III tal-Att dwar il-Pulizija , ix-xhud kien imputat tal-istess reat li fuqu tkun meħtieġa x-xiehda tiegħu jew li hu soġġett li jkun imħarrek fil-futur fir-rigward tal-imsemmi reat jew ta' xi reat relatat.

32. Huwa ċar mid-diċitura tas-subartikolu (b) tal-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, illi imputat jista' jixhed kontra ko-imputat jew ko-akkużat ieħor *pendente lite* biss jekk il-Gvern ikun wegħdu jew tah l-impunita sabiex ikun jista' jixhed. Altrimenti, ix-xiehda tiegħu tkun tista' tiġi meħuda meta l-proċeduri kontra tiegħu jkunu għaddew in ġudikat.

33. Dan il-prinċipju ġie ribadit diversi drabi minn dawn il-Qrati, fosthom anke minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta, fid-digrieti u sentenzi tagħha. Fid-digriet mogħti mill-Qorti Kriminali nhar it-22 ta' Diċembru 1998 fil-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia*** dwar it-talba biex jixhed Carmel Attard, ġie ritenut is-segwenti : -

> L-Avukat Generali ... qed jeccepixxi l-inammissibilita` f'dana l-istadju ta' Carmel Attard, u cioe` sakemm il-kaz tal-imsemmi Attard ma jkunx gie definittivament deciz billi jghaddi in gudikat. L-Avukat Generali fuq dan ilpunt ghandu ragun. Il-gurisprudenza hi cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata flistess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm 'ko-akkuzati' fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu argument *a contrario sensu* li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali,
>
> '...[la] quale disposizione non pone alcuna distinzione circa il grado in cui il teste fosse stato imputato, se, cioe`, come autore o coautore del delitto o come complice, essendo solo importante per i fini della ammissibilita` della sua deposizione che egli, non avendo a temere alcuna azione criminale per quanto va a deporre, non abbia l'interesse di scagionarsi e di incriminare altri' (R. v. Carmelo Cutajar ed altri, 18/1/1927, Kollezz Deciz XXVI iv 758, 760).
>
> Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-segwenti decizzjonijiet: R. v. Filippo Pace, Qorti Kriminali, 14/11/1890, Kollezz. Deciz. XII.531; P. v. Toni Pisani, App. Krim, 11/11/1944, Kollezz Deciz XXXII.iv.792; R v Karmnu Vella, Qorti Kriminali, 3/12/47, Kollezz Deciz XXXIII.iv.547; P v Alfred W Luck et, App. Krim., 25/4/1949, Kollezz. Deciz. XXXIII.iv.870; u Rep. v. Domenic Zammit et, Qorti Kriminali, 15/12/1997 kif integrata bid-decizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-istess ismijiet tal-31/7/1998.
>
> Ghalhekk mhix kwistjoni, kif donnu qed jippretendi l-akkuzat odjern, li Carmel Attard ghandu xi ghazla li jixhed jew ma jixhedx ghax jista' jinkrimina ruhu. Carmel Attard, li kien akkuzat bhala ko-awtur <u>bl-istess reat</u> li bih l-akkuzat odjern jinsab akkuzat, <u>ma hux kompetenti li jixhed</u> (sia bhala xhud tal-prosekuzzjoni sia bhala xhud tad-difiza) <u>qabel ma l-kaz tieghu ighaddi in gudikat</u>. Sa ma jintlahaq dak l-istadju, Carmel Attard hu

inammissibbli bhala xhud indipendentement minn jekk huwa stess iridx jixhed; wara li l-kaz tieghu jghaddi in gudikat, hu jsir ammissibbli bhala xhud u jkollu jixhed anke jekk ma jridx.[11]

34. F'dan il-każ, Stefan Cutajar tressaq fi proċeduri separati b'rabta ma dan il-każ. Ma ġiex kontestat li matul is-smiegħ ta' dan il-każ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, il-proċeduri kontra tiegħu kienu għadhom għaddejjn. Matul il-kontro-eżami tiegħu nhar it-3 ta' Lulju 2017,[12] lejn l-aħħar tad-deposizzjoni tiegħu, u fuq mistoqsija tal-avukat difensur tal-appellanta, iddikjara illi *il-każ għadu mhux magħluq ta, ma nixtieqx nitkellem fuqha jekk jimporta....għadu mhux magħluq.*

35. Dan huwa punt proċeduralment importanti ħafna għall-fini ta' din il-vertenza, u din il-Qorti kienet tistenna li l-istess punt kellu jiġi investit bi provi aktar konkreti minn dawk li jinsabu f'dan il-proċess. Mhux magħruf biċ-ċert jekk il-proċeduri kontra Cutajar verament kienux ġew konklużi qabel xehed f'dawn il-proċeduri jew le. Fi kwalunkwe każ, fuq l-istat tal-atti, dil-Qorti tqis li għandha tagħti l-benefiċċju tad-dubju favur l-appellanta f'dan ir-rigward in kwantu tqis li, fuq bażi ta' probabbilita, d-Difiża rnexxielha tipprova li fil-mument li xehed Cutajar, il-proċeduri penali kontra tiegħu bħala komparteċipi fl-istess reati li bihom l-appellanta ġiet mixlija u eventwalment misjuba ħatja, kienu għadhom korrenti u ma tressqet l-ebda prova mill-Prosekuzzjoni illi Cutajar kien ibbenefika minn xi wegħda ta' jew impunita effettiva mill-Gvern.

---

[11] Aktar reċenti ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ramon Fenech*** deċiża nhar it-23 ta' Frar 2017.
[12] Folio 88 tal-atti proċesswali.

36. Konsegwentement ix-xiehda ta' Stefan Cutajar qegħda tiġi ddikjarata inammissibbli u l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx legalment u raġonevolment tadottaha bħala parti mill-assjem tal-provi a karigu tal-imputata appellanti. In kwantu tali, din id-deposizzjoni ta' Stefan Cutajar sejra tiġi skartata minn din il-Qorti.

***Ikkunsidrat : -***

37. Dil-Qorti jifdlilha tara jekk, mill-bqija tal-provi prodotti, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx xorta waħda, legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellanta fir-rigward tal-ewwel u tar-raba' imputazzjonijiet.

38. Ivan Micallef jixhed illi hu qabad lil Stefan Cutajar *in flagrante delicto* filwaqt li kien qed joħroġ ir-*res furtiva* mill-vann tiegħu għall-ġol karozza Volkwagen Polo li kienet wieqfa biswit il-vann misjuq minnu. Micallef jixhed ukoll li innota li kien hemm l-appellanta fuq wara tal-vettura (li kienet misjuqa minn Stefan Cutajar) fil-mument meta hu avviċina l-vann matul is-serqa. Fuq is-seat ta' wara ħdejn l-appellanta, Micallef lemaħ li kien hemm xi uħud mill-effetti li kienu nsterqu mill-vann tiegħu. Kien hemm ukoll effetti tiegħu fuq is-*seat* ta' quddiem. Micallef jispjega li filwaqt li kien qed jieħu l-affarijiet lura mill-karrozza għall-ġol vann tiegħu, l-appellanta iddikjarat illi ma kellhiex x'taqsam u ħarġet mill-karozza biex titlaq l-hemm. F'dak il-punt, Micallef talabha biex jara l-kontenut tal-

basket li kellha. F'dan il-basket irriżultalu li kien hemm żewġ mobiles bil-kaxxa b'kollox milli kellu fil-vann.

39. Irriżulta wkoll illi mill-affarijiet kollha li ġew misruqa, kien hemm biss żewġ mobiles li baqgħu ma ġewx irritornati lura lill-kumpanija fejn kien jaħdem. Micallef ma setax jgħid però min ħadhom. In kontro-eżami dax-xhud ikkonferma wkoll illi l-basket li fiħ instabu l-effetti tiegħu u li kellha fuqha l-appellanta kien basket kbir iswed u miftuħ.[13]

40. Apparti din id-deposizzjoni t'Ivan Micallef, hemm ukoll ix-xiehda tal-appellanta stess. L-appellanta saħqet li kienet iltaqgħet ma Stefan Cutajar filwaqt li hu kien fil-kumpanija tat-tfajla tiegħu. Cutajar talabha tletin euro. Huwa abbuża mid-droga u waqqagħha wkoll billi kkunsmaw id-droga flimkien. Filwaqt illi Cutajar kien qed jakkumpanjaha lura d-dar, Cutajar, minn jeddu u mingħajr ma kien informahom dwar l-intenzjoni tiegħu, waqaf biswit il-vann ta' Ivan Micallef, ħareġ, żgassaħ u beda joħroġ diversi affarijiet minnu u jitfagħhom fil-karrozza tiegħu li filwaqt illi l-appellanta kienet għadha (u baqgħet) fil-karrozza.

41. L-appellanta tinsisti illi hi ma kienet taf b'xejn u ma kellhiex x'taqsam mas-serqa li għamel Cutajar. Tgħid li Cutajar kien għamel kollox waħdu. L-appellanta tisħaq li kienet bilqegħda fuq wara tal-karozza, eżatt wara s-seat tal-passiġġiera, l-għarusa ta' Cutajar. L-appellanta kellha wkoll il-basket tagħha ħdejha fuq is-seat ta' wara,

[13] Xhieda ta' Ivan Micallef a folio 35 tal-atti proċesswali u datat id-19 ta' Mejju 2016.

u li kien kbir u miftuħ. Tgħid li kienet ser titlaq minn fuq il-post għax bdiet tibża, għalkemm kienet taħt l-effett tal-kokajina li kkunsmat ftit qabel ma' Cutajar.

42. L-appellanta saħqet illi x'aktarx il-kaxxi tal-*mobile phones* spiċċaw fil-basket tagħha filwaqt illi Cutajar kien qed jitfagħhom fuq is-seat ta' wara bl-addoċċ. L-appellanta tisħaq li ma ndunatx b'dawn il-*mobile phones* fil-basket tagħha sakemm Ivan Micallef talabha biex jara l-kontenut tal-basket, fejn, wara li fetħithulu, instabu wkoll dawn iż-żewġt *mobile phones* li Micallef jgħid li kienu għadhom fil-kaxxa tagħhom.

43. Skond l-appellanta, ma kienx hemm provi biżżejjed li jippruvaw li hi kienet korresponsabbli għas-serq. Matul it-trattazzjoni ta' dan l-appell, id-Difiża pproponiet ukoll, b'mod sussidjarju, li jekk setgħet tinstab ħtija fl-appellanta, f'dan il-każ, b'mod alternattiv għas-serq, setgħa jissusisti r-reat tar-riċetazzjoni li skond l-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali. Biss fiċ-ċirkostanzi, l-appellanta setgħet tibbenefika mill-applikazzjoni tal-proviso għal din id-disposizzjoni li teħlisha mill-piena peress illi l-appellanta rritornat lil Micallef l-effetti li kellha fil-pussess tagħha u li kienu insterqu mill-vann tal-kwerelant.

***Ikkunsidrat : -***

44. Illi minkejja dak li tisħaq l-appellanta, il-verżjoni mogħtija minnha fl-istqarrija tagħha mhix identika għal dik li tat matul ix-xiehda

tagħha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. A fol 27 tal-istqarrija tagħha hi tgħid li ħadu ftit droga (kokajina) flimkien fil-karozza misjuqa minn Stefan Cutajar fl-akkwati ta' Ħal-Luqa u *wara Stefan iddecieda li jsid jisraq*. Kif saret taf li Stefan Cutajar iddeċieda li jrid jisraq, jekk mhux għax dan kien stqarr l-intenzjoni tiegħu qabel? Fil-fatt tkompli tgħid li *Naf li waqafna x'imkien l-Imsida u Stefan nizel wahdu mill-karozza, kisser hgiega ta van u beda jgib il-kaxxi fil-karozza tieghu magenbi fuq is-seat ta' wara. Naf li gie ragel jghajjat mghana u tajnieh l-oggetti lura, jien bzajt u tlaqt l-hemm.*

45.Din is-sekwenza hija importanti – b'mod partikolari l-enfażi li saret fuq il-fatt li l-appellanta hawnhekk tgħid li **<u>tajnieh</u>** l-oġġetti lura – fil-plural – u mhux li Micallef sab dawn iż-żewġt *mobile phones* fil-basket tagħha wara li Micallef insista li jrid jara l-kontenut tal-basket tal-appellanta. Il-fatt li fl-istqarrija tagħha hija tgħid li Stefan Cutajar iddeċieda li ried jisraq qabel ma bdiet issemmi li telqu minn fuq il-post għad-destinazzjoni fejn huwa ried jisraq jindika li hija kienet saret taf bil-pjan ta' Stefan Cutajar li jmur jisraq **<u>qabel</u>** ma huma waslu fuq il-post fejn iddeċieda li jiżgassa l-vann.

46.Jiġifieri li kieku riedet ma jkollhiex x'taqsam mal-pjan u l-egħmil ta' Stefan Cutajar hija setgħet qabdet u niżlet mill-karozza mill-ewwel, mal-ħaġra t-tajn u b'hekk żgur ma kienx ikollha x'taqsam mas-serqa li ried li jagħmel Stefan Cutajar. Ma jirriżultax l-anqas li l-appellanta għamlet xi pressjoni fuq Cutajar biex dan jieqaf milli jwettaq dan il-ħsieb tiegħu li jmur jisraq. Anzi bl-użu tal-plural meta hija tiddeskrivi li taw lura l-oġġetti misruqa lil sidhom, l-

appellanta tkompli tikkolloka ġuridikament lilha nnifisha flimkien ma' Stefan Cutajar fir-rigward tar-refurtiva.

47. L-appellanta baqgħet fil-karozza misjuqa minn Stefan Cutajar anke meta dan, skontha, niżel mill-karozza parkeġġata biswiet il-vann mnejn, skontha, Stefan Cutajar beda jisraq l-affarijiet. U sadattant waqt li Stefan Cutajar qiegħed iwaddab bl-addoċċ il-mobile phones mit-tieqa tal-bieba ta' wara, hi xorta waħda baqgħet fil-karozza, fuq is-seat ta' wara, bil-basket il-kbir tagħha miftuħ beraħ. U mnejn, ġewwa fih, ftit aktar tard, Micallef sab tnejn mill-*mobile phones* li kienu ġew misruqa lilu – u li kienu għadhom fil-kaxxa b'kollox.

48. Din il-Qorti, bħal Qorti tal-Maġistrati qabilha, ssibha diffiċli temmen li l-appellanta verament ma kienetx taf kif dawk iż-żewġ kaxxi, bil-*mobile phones* fihom spiċċaw fil-basket, miftuħ, tal-appellanta. Dan il-basket baqgħa miftuħ anke waqt li Stefan Cutajar kien qiegħed iwaddab, skontha bl-addoċċ, l-affarijiet li huwa seraq mill-vann ta' Micallef. Jiġifieri mank ħadet tikka prekawzjoni u għalqet il-basket, bit-tama li ebda minn dawk l-oġġetti misruqa ma jaqgħu fil-basket tagħha bi żball; u b'hekk almenu, ma jkollhiex x'taqsam mal-*mobile phones* misruqa li skontha bdew ġejjin bl-addoċċ mit-tieqa ta wara.

49. Anzi, għall-mistoqsija tal-ispettur dwar min ħareġ dawn il-mobiles mill-basket tagħha, f'paġna 28 l-appellanta tgħid li *jiena hrigthom u tatjom lil sidhom*. Anzi tgħid li *ghajjatli u jien tajtomlu*. Dan jikkuntrasta ma dak li jgħid Micallef f'paġna 37 li jisħaq li *l-persuna li hawn hawn kien sejjer ukoll qalli jien m'ghandix x'naqsam, ghdtlu orrajt*

*jimporta nara l-basket, fethet il-basket u kien hemm zewg mobiles u hafthom. Ezatt...Kienu qeghdin fil-kaxxa ma nafx ghax kellu hafna affarijiet, gbart minn wara, gbart minn quddiem, minghalija ...2 kienu..*

50. F'dan il-kuntest, madankollu din il-Qorti mhix tal-fehma illi r-reat ipotizzabbli f'dan il-każ huwa dak ta' riċetazzjoni. Jekk il-verżjoni tal-appellanta titwemmen - ħaġa li din il-Qorti ssibha bi tqila tagħmel - hija tisħaq illi ma kienetx taf li kellha l-pussess tal-effetti misruqa fil-basket tagħha. Dan il-fatt jeskludi l-element tas-*scienter* meħtieġ fil-kommissjoni tar-reat tar-riċettazzjoni.

51. Id-deposizzjoni ta' Ivan Micallef, magħquda mal-istqarrija tal-appellanta nonche x-xiehda tagħha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, moqrija fid-dawl tal-evidenza ċirkostanzjali aktar il-fuq imsemmija, iwaslu lil din il-Qorti biex tikkonkludi li anke jekk ix-xiehda ta' Stefan Cutajar tiġi eskluża, xorta kien hemm provi li jwaslu għaċ-ċertezza legali li l-appellanta rrendiet ruħha kompliċi fit-termini tal-artikolu 42(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali flimkien ma' Stefan Cutajar fir-reat ta' serq kwalifikat.

52. L-appellanta baqgħet miegħu waqt il-kommissjoni tar-reat u bl-ebda mod ma ddistanzjat ruħha minn miegħu. Iddeċidiet li titlaq biss wara li nqabdu minn sid il-vettura li ġiet misruqa. U meta hija telqet minn fuq il-post instab li kellha fuqha żewġ *mobile phones* li kienu parti mir-*res furtiva*. Bħala minimu, dan l-aġir tal-appellanta, f'dak il-kuntest, meta kienet taf li Cutajar kien sejjer, u beda jwettaq serqa, u meta hija baqgħet fil-karozza, tilqa' fil-basket kbir u miftuħ

tagħha uħud mill-oġġetti misruqa minn Cutajar, tiġi li b'hekk kompliet issaħħaħ il-volonta ta' Cutajar li jwettaq dik is-serqa – mhux biss bil-presenza tagħha, iżda wkoll bil-parteċipazzjoni tagħha li żżomm, almenu żewġ kaxxi bil-*mobile phones* misruqa fil-basket tagħha.

53. Din il-Qorti ma tistax temmen illi l-effetti li nstabu fil-basket tal-appellanta spiċċaw fih b'kumbinazzjoni u mingħajr l-għarfien tal-appellanta. Dawk l-oġġetti ma kienux xi żewġ kaxxi sulfarini, iżda kienu żewġ kaxxi ta' *mobile phones*, li jkunu ta' ċertu daqs, u li mhux faċilment ser jidħlu f'basket allegatament mitluq qrib it-tieqa mnejn Stefan Cutajar kien qiegħed jitfagħhom bl-addoċċ fil-karrozza.

54. In oltre għalkemm jirriżulta mix-xiehda ta' Micallef u mill-appellanta li dan il-basket kien ta' ċertu kobor, l-appellanta ma ġabitx prova tal-kwalita' ta' dan il-basket. Din il-Qorti ssibha wkoll diffiċli temmen li l-appellanta żżomm il-basket tagħha miftuħ beraħ inkonsapevolment. Jekk xejn u jekk din il-Qorti temmen lill-appellanta li dan il-basket verament kien inżamm miftuh, allura dan ikompli jsaħħaħ l-argument li minkejja li l-appellanta kienet issa taf li Stefan Cutajar kien qiegħed jisraq, u waqt li kienet qegħda tara lil Cutajar iwaddab bl-addoċċ l-oġġetti misruqa mit-tieqa ta' wara tal-karozza, hija minflok għalqet il-basket tagħha u taħrab l-hemm, għażlet li tibqa' hemm u tħalli dak il-basket kbir miftuh. U oħroġ il-għaġeb, skontha bdew jaqgħaw il-*mobile phones*, bil-kaxxa b'kollox, ġo fih. Dil-Qorti ma tqisx li dan kien magħmul b'kumbinazzjoni, iżda jekk xejn huwa ħolqa oħra fil-katina tal-

evidenza ċirkostanzjali li tipprova mhux biss il-konsapevolezza tal-appellanta dwar is-serqa *in fieri* magħmula minn Stefan Cutajar, iżda wkoll il-parteċipazzjoni attiva tagħha jekk xejn fit-tisħieħ tad-determinazzjoni ta' Cutajar li jwettaq is-serqa, nonche fl-assistenza attiva fil-ġbir, ħażna u l-okkultar tar-refurtiva flimkien ma u fl-interess tal-ħalliel.

***Ikkunsidrat : -***

55. Illi għal dak li jirrigwarda l-aggravji mressqa, m'hemm l-ebda dubbju illi l-aggravju tax-xorta tal-ħaġa misruqa ġie ppruvat. Is-serqa *de quo* saret fuq xi ħaġa li kienet tinsab ġewwa vettura li kienet f'post pubbliku.

56. Illi mid-deposizzjoni ta' Roderick Agius għan-nom tal-kumpanija Melita jirriżulta l-valur tal-apparat li ġeneralment ikollu '*installer*' bħalma kien Micallef fil-vann; iżda dan ix-xhud ma kienx f'posizzjoni jivverifika l-valur preċiż peress illi ma jistax jgħid x'kien hemm eżattament fil-vann fil-mument illi seħħet is-serqa.

57. Biss a fol 4 fl-NPS jirriżulta li Micallef jagħti indikazzjoni tal-effetti illi kellu fil-vann allavolja ma jispeċifikax in-numru eżatt. Għalkemm hemm prova li turi n-numru ta' *mobile phones* li kellha l-appellanta fil-basket, ma hemmx prova dwar il-marka u t-tip ta' dawn l-istess *mobile phones*. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs***

***Lorita Pace***[14] din il-Qorti diversament presjeduta kienet trattat is-sitwazzjoni tan-nuqqas ta' valutazzjonijiet ta' spejjez inkorsi fejn ġie deċiż li l-Qorti li tkun qed tiġġudika tista' tiddetermina mill-esperjenza tagħha l-valutazzjoni meħtieġa jew mankanti.

58.Meta jitqies li :

(i) l-appellanta kienet ritenuta responsabbli bħala kompliċi fit-twettieq tas-serqa sħiħa, u mhux biss taż-żewġ *mobile phones* li nstabu fil-pussess tagħha;

(ii) kien hemm diversi effetti oħra li nsterqu lil Ivan Micallef u mhux biss dawk iż-żewġ *mobile phones*;

(iii) f'Dok RA1 hemm provduta indikazzjoni tal-valuri tal-oġġetti in kwistjoni,

(iv) fl-NPS, Ivan Micallef jagħti wkoll indikazzjoni li l-mobile phones li kienu baqgħu mhux ritornati <u>waħedhom</u> kellhom valur ta' tliet mitt euro,

fil-fehma ta' din il-Qorti anki dan l-aggravju ġie ppruvat.

Konsegwentement l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija tal-appellanta fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni kontra tagħha.

***Ikkunsidrat : -***

[14] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono u deċiża nhar is-7 ta' Diċembru 2006.

59. Illi jirriżulta mis-sentenzi eżebiti li l-appellanta kienet ġiet misjuba ħatja ta' reati relatati ma tlajjar għall-fini ta' prostituzzjoni. Għal dawn ir-reati hija kienet ġiet kundannata għall-piena ta' xahar priġunerija sospiżi għal sena bis-saħħa ta' sentenza mogħtija lilha nhar is-6 ta' Novembru 2014; liberata bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax il-xahar bis-saħħa ta' sentenza datata 2 ta' Diċembru 2014; u liberata bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur bis-saħħa ta' sentenza datata 16 ta' Lulju 2015.

60. Kwantu għal dawk is-sentenzi eżebiti fejn l-appellanta ġiet mogħtija liberta kundizzjonata, u f'dan il-każ, dawn ma jitqiesux bħala kundanni u għaldaqstant ma jistgħux jitqiesu għall-fini tar-reċidiva.

61. Mill-banda l-oħra għal dak li jirrigwarda s-sentenza ta' priġunerija fil-forma sospiża, skont l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, jidher illi din is-sentenza kienet ġiet "skontata" f'Novembru 2015 u ċioe' ftit xhur qabel id-data ta' meta ġie kommess dan il-każ. Jiġifieri l-Qorti tal-Maġistrati setgħet issib lill-appellanta ħatja tar-reċidiva. Dan qiegħed jingħad ukoll in kwantu mill-atti jirriżulta li mis-sentenza li eżebita a fol 24 jirriżultaw il-konnotati identiċi ma' dik tal-appellanta u dik preżentata hija kopja legali tas-sentenza. Apparti minn hekk jirriżulta wkoll li l-Uffiċjali Prosekuturi Butters u Mercieca kienu ikkonfermaw bil-ġurament tagħhom li s-sentenzi tal-Qorti li in bażi tagħhom huma attribwew ir-reċidiva lill-appellanta kienu "*definittivi u li ma jistawx jigu mibdula*". Din id-dikjarazzjoni ġuramentata ma ġietx kontradetta. F'dan il-każ pero

il-Qorti għażlet, kif kellha l-jedd li tagħmel, li ma żżidx il-piena bi grad jew tnejn. Iżda xorta waħda, minkejja dan, ikkonfermat lill-appellanta bħala reċidiva fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali. Dan ifisser li l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx timponi piena ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha minħabba li dan huwa eskluż taħt l-artikolu 28(A)(7)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Fil-fatt imponiet piena ta' sena priġunerija effettivi.

62. Issa l-appellanta tilmenta li l-piena inflitta kienet waħda eċċessiva.

63. Jibda biex jingħad illi din il-Qorti ma tbiddilx is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati sakemm din il-piena ma tkunx waħda żbaljata fil-prinċipju, ma tkunx żbaljata fil-kwalita jew kwantita tagħha billi ma tkunx fil-parametri tal-piena jew ma tkunx manifestament eċċessiva.

64. Il-Qorti tal-Maġistrati imponiet il-piena ta' sena priġunerija. Din il-piena mhix żbaljata fil-kwalita jew kwantita tagħha in kwantu għar-reat li tiegħu ġiet misjuba ħatja il-Liġi tipprovdi li tista' tingħata l-piena ta' priġunerija bejn ħames xhur u tliet snin u li minħabba l-kwalifika tal-valur magħquda mal-kwalifika tax-xorta tal-ħaġa misruqa, il-piena ma tistax tingħata fil-minimum tagħha skont l-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali. Il-minimu tal-piena għalhekk huwa dak t'għaxar xhur priġunerija u għaxart ijiem.

65. Illi f'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati ma applikatx l-artikolu 337(2) tal-Kodiċi Kriminali minħabba l-fatt li mill-provi jirriżulta li l-

appellanta ma ssodisfattx ir-rekwiżiti kollha ta' dan l-artikolu, u dan peress li għalkemm tat lura ż-żewġ mobile phones li kienu fil-basket tagħha, kif ukoll ikkoperat mal-Pulizija billi qaltilhom anke sa mill-istqarrija l-involviment ta' Stefan Cutajar, hija naqset milli *trodd għal kollox lill-offiż kull ħsara, lil proprjetà mobbli jew immobbli oħra, kkaġunata bir-reat ta' serq jew filwaqt li jkun qed isir ir-reat ta' serq* – skond kif jgħid l-artikolu 337(2)(c) tal-Kodiċi Kriminali.

66. Fl-istqarrija tagħha f'paġna 28, meta mistoqsija jekk kienetx lesta li tagħmel tajjeb għall-ħsara li saret, hija wieġbet li ma kienetx hi li kisret il-ħġieġa tal-karozza u li kellha fuqha tathom lil sidhom imma l-bqija Stefan irid iħallas għalih. Kieku ħalset għal dawn l-ispejjeż kienet tista' tibbenefka, bis-saħħa tal-Liġi stess, għal tnaqqis ta' żewġ gradi fil-piena li minn minimum t'għaxar xhur u għaxart ijiem priġunerija kienu jonqsu għal minimum ta' ħames xhur. Biss peress li dan ma seħħx, il-minimum imponibbli f'dan il-każ jibqa' dak t'għaxar xhur u għaxart ijiem priġunerija.

67. Illi din il-Qorti tqis li ġaladarba, almenu l-appellanta iffaċilitat ir-ritorn lura tal-oġġetti misruqa lil sidhom billi meta għajtilha hija fetħitlu l-basket tagħha u minnhom huwa setgħa jieħu l-oġġetti misruqa, almenu hija għandha tibbenefika minn piena karċerarja fil-minimum tagħha.

# *Decide*

Għaldaqstant, għall-motivi premessi, din il-Qorti, tilqa' l-appell ta' Donald THEUMA in parte u dan billi filwaqt illi :

(a) tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanta ħatja tal-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet;

(b) tikkonferma s-sentenza f'dik il-parti tagħha fejn illiberat lill-appellanta mit-tieni u mit-tielet imputazzjonijiet,

mill-banda l-oħra :-

(c) tħassar is-sentenza f'dik il-parti tagħha fejn imponiet il-piena ta' sena priġunerija u minflok tikkundanna lill-appellanta għall-piena t'għaxar xhur u għaxart ijiem priġunerija;

(d) u tikkonferma l-kumplament tas-sentenza appellata safejn din ma ġietx mibdula b'din is-sentenza.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***